



Brussell, it-23 ta' Ottubru 2018  
Jissostitwixxi l-avviż ippubblikat fil-5 ta'  
Lulju 2018

## AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

### IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI U S-SIGURTÀ MARITTIMA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ<sup>1</sup> li jstabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tiegħa tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ")<sup>2</sup>. Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"<sup>3</sup>.

It-tnejn għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni f'idejn l-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

Fl-isfond ta' inċertezzi konsiderevoli, b'mod partikolari rigward il-kontenut ta' ftehim eventwali dwar il-ħruġ, operaturi tal-ajruporti tal-UE, operaturi li jipprovdu servizzi fl-ajruporti tal-UE u entitajiet li jipprovdu prodotti u/jew servizzi lil ajruporti tal-UE jew permezz tagħhom (is-sigurtà tal-avjazzjoni), kif ukoll operaturi ta' servizzi ta' trasport marittimu (is-sigurtà marittima) huma mfakkra bir-riperkussjonijiet legali, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz.

Sakemm ma jkunx hemm arranġament tranżitorju li jista' jkun inkluż fi ftehim eventwali dwar il-ħruġ, mid-data tal-ħruġ, ir-regoli tal-UE fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tas-sigurtà marittima ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit. Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin<sup>4</sup>:

<sup>1</sup> Għaddejnin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

<sup>2</sup> Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

<sup>3</sup> Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

<sup>4</sup> Il-partijiet ikkonċernati huma mfakkra li s-servizzi tal-Kummissjoni ppublikaw avviżi dwar aspetti oħra relatati mal-ħruġ tar-Renju Unit u l-konsegwenzi għat-trasport bl-ajru u t-trasport marittimu, inkluż is-sikurezza tat-trasport, l-aċċess, u d-drittijiet tal-passiġġieri. L-avviżi kollha huma disponibbli hawnhekk: [https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness\\_en](https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_en).

## 1. SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008<sup>5</sup> jistabbilixxi regoli komuni u standards bażiċi dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni u proċeduri li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-regoli u standards komuni.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998<sup>6</sup> jistabbilixxi miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni kif stabbilit fl-Artikolu 4 u fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 300/2008.

Mid-data tal-ħruġ, ir-regoli u l-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE fir-rigward ta' passiġġieri, bagalji u merkanzija li jaslu minn pajjiż terz, partikolarment għal trasferiment fuq titjira b'konnessjoni ma' ta' qabilha, se japplikaw għal passiġġieri, bagalji u merkanzija li jaslu mir-Renju Unit. Dan iwassal b'mod partikolari għall-konsegwenzi li ġejjin b'seħħ mid-data tal-ħruġ:

- Tfittxija ta' inġenju tal-ajru: F'konformità mal-Kapitolu 3.1.1.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, inġenju tal-ajru li jasal f'parti kritika mir-Renju Unit jiġi soġġett għal tfittxija tas-sigurtà fi kwalunkwe ħin wara li l-passiġġieri jiżbarkaw miż-żona li tkun trid tiġi mfittxija u/jew wara l-ħatt tal-istiva.

Dan ma jibqax japplika jekk ir-Renju Unit jiġi elenkat f'xi ħin fid-dokument mehmuż 3-B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

- Bagalji tal-istiva: F'konformità mal-Kapitolu 5 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, il-bagalji tal-istiva ta' titjira tar-ritorn mir-Renju Unit se jkunu soġġetti għal proċedura ta' skrinjar tas-sigurtà meta jiġu ttrasferiti fuq titjira b'konnessjoni ma' oħra. Dan ifisser li qabel il-bagalji tal-istiva jiġu mgħobbija f'inġenju tal-ajru għat-titjira li jmiss, iridu jgħaddu minn skrinjar mill-ġdid, f'konformità mal-istandard tal-UE.

Dan ma jibqax japplika jekk, f'xi punt, ir-Renju Unit jiġi elenkat fid-dokument mehmuż 5-A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

- Passaġġieri u l-bagalji tagħhom miżmuma fil-kabina: F'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, il-passiġġieri ta' titjira li toriġina mir-Renju Unit se jkun meħtieġ li jgħaddu minn proċedura ta' skrinjar tas-sigurtà meta jittrasferixxu fuq titjira b'konnessjoni ma' oħra.

Dan ma jibqax japplika jekk, f'xi punt, ir-Renju Unit jiġi elenkat fid-dokument mehmuż 4-B tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72).

<sup>6</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni (ĠU L 299, 14.11.2015, p. 1).

- Merkanzija u posta – Approvazzjoni ta’ Aġenti Regolati u Spedituri Magħrufa fl-UE: F’konformità mal-Kapitoli 6.3 u 6.4 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, entitajiet ibbażati fl-UE approvati bħala Aġenti Regolati jew Spedituri Magħrufa minn Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-rikonoxximent tal-Istati Membri kollha ta’ approvazzjonijiet mogħtija mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit se jiskadi mid-data tal-ħruġ. L-Aġenti Regolati u Spedituri Magħrufa approvati mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit mhux se jibqgħu parti mill-katina ta’ provvista fiż-żgur tal-UE.

- Merkanzija u posta u provvisti tal-ajruport u għal matul it-titjira – approvazzjonijiet tal-Validaturi tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni tal-UE: F’konformità mal-Kapitolu 11.6 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998 (il-punt 11.6.4.2), persuni fiżiċi u ġuridiċi approvati bħala validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE minn Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-rikonoxximent fl-Istati Membri kollha tal-approvazzjonijiet tal-validaturi tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE mogħtija mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit se jiskadi mid-data tal-ħruġ. Id-detenturi ta’ dawk l-approvazzjonijiet mhux se jibqgħu jkollhom is-setgħa li jwettqu validazzjonijiet tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE f’konformità mar-Regolament (UE) 2015/1998.

- Merkanzija u posta - Nominazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru: F’konformità mal-Kapitolu 6.8.1 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, se jkun meħtieġ li trasportaturi tal-ajru - indipendentement minn jekk humiex stabbiliti fl-UE, fir-Renju Unit, jew f’pajjiż terz - li jittrasportaw merkanzija u posta bl-ajru minn ajruport li jinsab fir-Renju Unit lejn l-UE, ikunu nnominati mill-awtorità xierqa ta’ Stat Membru tal-EU-27 bħala “Trasportatur ta’ Merkanzija jew ta’ Posta bl-Ajru li jopera lejn l-Unjoni minn Ajruport ta’ Pajjiż Terz” (ACC3 - Air Cargo or Mail Carrier operating into the European Union from a Third Country Airport) u jiżguraw li ssir l-implimentazzjoni ta’ ċerti miżuri ta’ sigurtà. In-nominazzjoni ACC3 hija bbażata fuq proċess imsejjaħ validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, li jikkonsisti f’valutazzjoni tal-programm ta’ sigurtà tal-operatur u verifika fuq il-post tal-operazzjonijiet tas-sigurtà fil-lok (ajruport tat-tluq jew maħżen).

Dan ma jibqax japplika jekk ir-Renju Unit f’xi punt jiġi elenkat fid-dokumenti mehmuża 6-Fi jew 6-Fii tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

- Merkanzija u posta - Nominazzjoni tal-entitajiet u l-operaturi li huma parti mill-katina tal-provvista tat-trasportatur tal-ajru ACC3: F’konformità mal-Kapitolu 6.8.4 u 6.8.5 tal-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, entitajiet u operaturi li huma parti mill-katina tal-provvista tat-trasportatur tal-ajru ACC3 imsemmi hawn fuq se jkun meħtieġ li jiġu nnominati bħala “Spedituri Magħrufa minn Pajjiż Terz” (KC3 - Third Country Known Consignors) jew “Aġent Regolat minn Pajjiż Terz”(RA3 - Third Country Regulated Aġent) mill-awtorità xierqa ta’ Stat Membru tal-EU-27. In-nominazzjonijiet RA3/KC3 huma bbażati fuq proċess imsejjaħ validazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni tal-UE, li jikkonsisti mill-valutazzjoni ta’ programm tas-

sigurtà tal-operatur u verifika fuq il-post tal-operazzjonijiet tas-sigurtà fil-lok (l-ajruport tat-tluq jew il-maħżen).

Dan ma jibqax japplika jekk ir-Renju Unit f'xi punt jiġi elenkat fid-dokument mehmuż 6-Fi jew 6-Fii tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998.

- Merkanzija u posta - Rikonoxximent tan-nominazzjonijiet ACC3/KC3/RA3 Skont il-Kapitolu 6.3.1.6, 6.4.1.6, 6.8.1.5, u 6.8.4.7 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, in-nominazzjonijiet ACC3/KC3/RA3 mill-awtoritajiet xierqa ta' Stat Membru tal-UE għandhom ikunu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-rikonoxximent fl-Istati Membri kollha tan-nominazzjonijiet magħmula mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit se jiskadi mid-data tal-ħruġ. Riżultat ta' dan, it-trasportaturi u l-operaturi kollha tal-merkanzija f'pajjiżi terzi li ġew innominati mill-awtorità tar-Renju Unit se jkunu meħtieġa li, mid-data tal-ħruġ, ikollhom l-istatus ta' ACC3/KC3/RA3 mogħti mill-awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-EU-27.

- Fornituri regolati: F'konformità mal-Kapitolu 8.1.3 tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, fornituri regolati (xi fornituri tal-ajruport kif ukoll fornituri għal matul it-titjira) iridu jkunu approvati mill-awtorità xierqa. Skont il-Kapitolu 8.1.3.5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1998, l-approvazzjoni ta' fornitur regolat minn Stat Membru tal-UE għandha tkun rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha tal-UE.

Ir-rikonoxximent fl-Istati Membri kollha tal-approvazzjonijiet mogħtija mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit se jiskadi mid-data tal-ħruġ. Riżultat ta' dan, fornituri regolati approvati mill-awtorità xierqa tar-Renju Unit se jkunu meħtieġa li, mid-data tal-ħruġ, ikollhom l-approvazzjoni ta' awtorità xierqa ta' Stat Membru tal-EU-27.

## 2. SIGURTÀ MARITTIMA

Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet<sup>7</sup> u d-Direttiva 2005/65/KE dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet<sup>8</sup> stabbilixxew ir-regoli tal-UE dwar is-sigurtà marittima.

- L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 jeħtieġ li l-awtorità kompetenti għas-sigurtà marittima tal-Istat Membru titlob lill-vapuri li jħabbu l-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'port biex jipprovdu ċerta informazzjoni dwar is-sigurtà. Skont l-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lil xulxin, fir-rigward ta' servizzi internazzjonali skedati operati

<sup>7</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

bejniethom, biex jeżentaw dawk is-servizzi milli jipprovdu dik l-informazzjoni ta' sigurtà mandatorja. Mid-data tal-ħruġ, dik il-possibbiltà, kif prevista mir-Regolament (KE) Nru 725/2004, ma teżistix aktar għar-Renju Unit. Dan ifisser li, mid-data tal-ħruġ, is-servizzi skedati kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, bħal konnessjonijiet bil-laneċ bejn ir-Renju Unit u Stati Membri tal-UE, se jkunu meħtieġa li jipprovdu b'mod mandatorju l-informazzjoni tas-sigurtà stabbilita f'dak l-Artikolu.

- Skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva 2005/65/KE, il-persunal li jagħmel spezzjonijiet tas-sigurtà jew li jimmaniġġja informazzjoni kunfidenzjali (inkluż il-persunal ta' organizzazzjonijiet tas-sigurtà rikonoxxuti, ara l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/65/KE) jeħtieġ li jkollu livell xieraq ta' awtorizzazzjoni fir-rigward tas-sigurtà mill-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata tkun ċittadin. Dan ifisser li l-persunal tar-Renju Unit (li għalhekk għandu approvazzjoni tas-sigurtà mogħtija mir-Renju Unit) ma jistax iwettaq iktar l-ispezzjonijiet tas-sigurtà msemmija f'dik id-Direttiva. L-istess japplika għal spezzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 (għal konformità mal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sigurtà fuq il-Vapuri u fil-Portijiet (ISPS)), skont l-Artikolu 12 ta' dak ir-Regolament.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ([https://ec.europa.eu/transport/modes/air/security\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/air/security_en)), u s-sigurtà marittima ([https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/security\\_en](https://ec.europa.eu/transport/modes/maritime/security_en)) jipprovdu informazzjoni ġenerali rigward ir-regoli għas-sigurtà tat-trasport fl-Unjoni. Dawk il-paġni se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport